# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru 2015**

**Kawza Numru : 9**
**Rikors Guramentat Numru : 1157/2014/LSO**

**Antonia Zahra [Karta ta' l-identita' nru. 227857 (M)]**

**vs**

**Raymond Borg [Karta ta' l-identita' nru. 330668 (M)]**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Antonia Zahra [Karta ta' l-identita' nru. 227857 (M)] datat 19 ta' Dicembru 2014 fejn

bir-rispett, iddikjara u kkonfermat bil-gurament li l-fatti segwenti tafhom personalment:

Illi zewgha Carmelo Zahra miet fl-10 ta' Gunju 2014 (Dok A) u skont is-soliti ricerki (Dokumenti B u C) l-uniku testment tieghu li bih hi regolata s-successjoni tieghu, kien dak li sar fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Martinelli datat 3 ta' Mejju 2014 (Dok D);

Illi skont dan it-testment, it-testatur Carmelo *Zahra* kien innomina u istitwixxa b'uniku eredi universali u padrun assolut tal-gid kollu tieghu lill-konvenut Raymond Borg;

Illi jirrizulta li l-konvenut Raymond Borg li kien il-gar tad-*decuius* u martu, kien jaf li d-*decuius* ma kienx fadallu hajja twila. Fix-xahar t'April kien jaf li d-*decuius* ma kienx fadallu aktar minn xahrejn hajja.

Illi l-volonta' u l-intenzjoni tat-testatur kienu suggetti ghal ingann u b'hekk jiddifettaw il-kapacita' u l-kunsens.

Illi t-testment in atti tan-Nutar Dr. Carmel Martinelli sar fit-3 ta' Mejju 2014;

Illi kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, fit-3 ta' Mejju 2014, b'ingann ezercitat min-naha tal-konvenut, Carmelo *Zahra* gie indott biex jaghmel it-testment fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Martinelli;

Ghaldaqstant *in vista* tal-premess, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-testment maghmul minn Carmelo Zahra fit-3 ta' Mejju 2014, in atti tan-Nutar Dr Carmel Martinelli huwa null u bla effett u ma jirrapprezentax il-volonta ta' l-istess Carmelo Zahra ghaliex kien frott tal-ingann;

2. Konsegwentament ladarba l-uniku testment li Carmelo Zahra ghamel kien dak tat-3 ta' Mejju 2014 u liema testment huwa null u invalidu, tiddikjara u tordna li s-successjoni tad-*decuius* Carmelo Zahra ghandha tkun successjoni *ab intestato* bis-sahha tal-ligi u per konsegwenza lill-attrici bhala eredi universali ta' l-istess Carmelo *Zahra* ladarba hija martu u ma kellhomx ulied;

3. Konsegwentament tillikwida *occorendo* bl-opera ta' perit nominandi, l-assi ereditarji kollha ta' l-imsemmi Carmelo Zahra;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jghaddi lill-attrici l-assi ereditarji imsemmija fit-talba prezenti flimkien mal-frottijiet tal-mewt ta' Carmelo *Zahra;*

B'rizerva ghad-dritt tas-sehem rizervat, f' kaz li l-azzjoni ma tirnexxix.

Bl-ispejjez, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni, inkluzi izda mhux biss, dawk ta' l-ittra ufficjali numru 3847/14.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-seduta tad-19 ta' Frar 2015.

Rat ir-risposta guramentata ta' Raymond Borg datata 3 ta' Marzu 2015 (fol 40) fejn bil-gurament tieghu espona u kkonferma:

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti jigi eccepit illi r-rikors guramentat odjern huwa insostenibbli *stante* li premessi u t-talbiet kontenuti fih huma konfliggenti u kontradittorji u jhaltu flimkien zewg azzjonijiet totalment distinti u separati, fis-sens illi l-attrici qieghda tezercita bl-istess azzjoni kemm l-azzjoni ghan-nullita` ta' testament (liema azzjoni tippresupponi testment guridikament ezistenti izda li jrid jigi annullat a bazi ta' allegazzjoni li fih nieqes xi element rikjest mil-ligi ghall-ezistenza tieghu) pero` fl-istess hin qed tezercita l-azzjoni (anke jekk bhala talba sussidjara) sabiex tinghata l-legittima liema azzjoni tippresupponi testament validu u li fih l-elementi essenzjali rikjesti mil-ligi ghall-ezistenza tieghu;

2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet ta' l-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes *stante* li mhux minnu li fid-data li sar it-testmentment fit-3 ta' Mejju 2014 fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Martinelli d-*decuius* kien suggett ghal ingann. L-esponenti jirrileva illi d-*decuius* kellu l-fakoltajiet mentali kollha li trid il-ligi u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawa. Fil-fatt, l-attirici ma taghti l-ebda hjiel u ma tispjegax x'ingann gie ezercitat fuq id-*decuius*;

3. Illi ghalhekk it-testment in kwistjoni huwa validu ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

4. Salv u minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jemergu bhala gustifikati *pendente lite;*

5. Illi finalment l-intimat jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jipprezenta kontro-talba kontra l-attrici;

Ghal dawn ir-ragunijiet l-intimat qieghed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet ta' l-attrici fl-intier taghhom bl-ispejjez.

Rat it-talba rikonvenzjonali ta' Borg Raymond datata 3 ta' Marzu 2015 a fol 43 *et seq* tal-process fejn espona bir-rispett u bil-gurament tieghu kkonferma:

1. Illi fl-10 ta' Gunju 2014 miet Carmel Zahra;

2. Illi permezz ta' testment datat 3 ta' Mejju 2014 fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Martinelli, l-istess Carmelo Zahra ddispona minn gidu kollu billi istitwixxa lil Raymond Borg bhala eredi ta' gid kollu tieghu;

3. Illi d-*decuius* meta miet kien mizzewweg lil rikovenzjonata u ghalhekk bejniethom kien hemm il-komunjoni ta' l-akkwisti li tirregola l-patrimonju tieghu flimkien ma' dak ta' martu;

4. Illi allura issegwi li nofs is-sehem tal-komunita' ta' l-akkwisti ta' bejn ir-rikonvenzjonata u tad-decujus illum il-gurnata jappartjeni lil Raymond Borg;

5. Illi meta mitluba r-rikonvenzjonata tersaq sabiex tindika l-assi li kienu jiffurmaw il-patrimonju konjugali hija irrifjutat u dan minghajr raguni valida skont il-ligi;

6. Illi minn l-informazzjoni li ghandu r-rikonvenzjonat hemm flus kontanti, kontijiet bankarji kif ukoll proprjeta` mobbli u immobli li jifformaw kollha parti integrali mill-komunita ta' l-assi;

7. Illi pero` r-rikonvenzjonata attrici ma poggietx f' pozizzjoni sabiex li jkun jista' jivverifka dak li wiret anzi hija irrifjutat li tersaq sabiex jigu illikwidati u divizi l-assi li jiffurmaw il-kummunita ta' l-akkwisti;

8. Illi minn nofs l-assi tal-komunita' ta' l-akkwisti r-rikonvenzjonata hija intitolata ghal legittima porzio

Illi ghalhekk l-intimat rikonvenzjonat Raymond Borg umilment jitlob ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li permezz tat-testment datat 3 ta' Mejju 2014 fl-atti tan-nutar Dr Carmel Martinelli l-intimat rikonvenzjant huwa l-eredi universali tal-mejjet Carmelo Zahra;

2. Tistabbilixxi u tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-mejjet Carmelo Zahra u r-rikonvenzjonata attrici martu Antonia Zahra;

3. Tigi ordnata l-qasma ta' dawn l-assi f' zewg ishma u wiehed jigi assenjat lil rikovenzjonat intimat Raymond Borg bhala l-eredita` li huwa wiret u l-iehor lir-rikonvenzjonata bhala attrici Antonia Zahra;

4. Tordna li lir-rikonvenzjonata attrici Antonia Zahra tghaddi lir-rikonvenzjonat is-sehem ta' nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk kif likwidat u dan fiz-zmien qasir u perentorju, li jigi prefiss minn din il-Qorti;

5. F'kaz ta' proprjeta` immobbli, tordna d-divizjoni ta' l-istess proprjeta` immobbli jekk din l-istess proprjeta' hija komodament divisibbli, jekk le, tordna l-bejgh taghhom b'licitazzjoni u jinqasam ir-rikavat bejn l-attrici rikonvenzjonata u l-intimat rikonvenzjonat fi kwoti indaqs bejniethom.

Bl-ispejjez kontra r-rikonvenzjonata attrici, li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata rikonvenzjonali ta' Antonia Zahra [Karta ta' l-Identita' Numru 227857 (M)] in kwantu kontro-talba kontra Antonia Zahra ghat-talbiet ta' l-istess Antonia Zahra kif vantati fir-Rikors Guramentat Nru. 1157/2014 LSO, datata 7 ta' Mejju 2015 fejn esponiet bir-rispett u bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat:

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ssusegwenti jigi eccepit illi r-risposta intavolata mill-intimat Raymond Borg hija nulla u bla validita` *stante* illi ma tissodisfax ir-rekwiziti rikjesti *ad validitatem* mill-artikolu 158 (3) (c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghall-eccezzjonijiet sussegwenti jigi eccepit illi l-

kontro-talba intavolata mill-konvenut rikonvenjent hija nulla u bla effett *ai termini* ta' l-Artikolu 789 (1) (d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, *stante* illi l-kontro-talba mhijiex konnessa mat-talbiet tal-attrici rikonvenuta hekk kif rikjest fl-Artikolu 396 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant kellha ssir talba *ad hoc* jew kawza *ad hoc* u mhux kontro-talba.

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghall-eccezzjonijiet sussegwenti jigi eccepit illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tisma' u tiddeciedi t-talbiet rikonvenzjonali tal-intimat rikonvenzjonat Raymond Borg, wara u jekk dina l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tar-rikonvenzjonata attrici;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-intimat rikonvenzjonat Raymond Borg, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-initimat rikonvenzjonat Raymond Borg jaf ezattament x'inhuma l-assi li kienu jiffurmaw il-patrimonju konjugali, l-intimat rikonvenzjonat Raymond Borg jaf li ma hemmx proprjeta' immobli li jiffurmaw parti integrali mill-komunita' matrimonjali, l-intimat rikonvenzjonat Raymond Borg jaf li l-uniku proprjeta` mobbli li tippartjenti l-komunita' matrimonjali hija l-vettura Toyota Aygo (HBL 429) **li diga` tinsab fil-pussess tieghu fejn sahansitra ra kif ghamel biex dina l-istess vettura tkun fil-pussess tieghu proprju minn qabel ma' d-*decuius* Carmelo Zahra miet.**

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

*29 ta' Settembru 2015.*

Bl-ispejjez kontra l-intimat rikonvenzjonat Raymond Borg li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta inkluz dak tad-9 ta' Lulju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Christopher Chircop ghall-attrici prezenti u Dr. Jason Grima ghall-konvenut. It-trattazzjoni tal-eccezzjonijiet indikati fl-ahhar verbal tad-difensuri tal-partijiet giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza qed tigi differita ghal decizjoni fuq l-eccezzjonijiet preliminari ghad-29 ta' Settembru 2015 fid-9:30a.m

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija sentenza *in parte* dwar diversi eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-Intimat ghar-Rikors Guramentat u mill-attrici rikonvenzjonata ghar-Risposta Guramentata u ghat-talba Rikonvenzjonjali.

Il-qorti ser telenkahom fis-succint ghall-ahjar kjarezza:-

### A. Nullita' tar-Rikors Guramentat mqajma mill-Intimat (l-ewwel eccezzjoni).

Ir-rikors guramentat huwa insostenibbli *stante* li premessi u t-talbiet kontenuti fih huma konfliggenti u kontradittorji u jhaltu flimkien zewg azzjonijiet totalment distinti u separati;

**B. <u>Nullita' tar-risposta Guramentata imqajma mir-Rikorrenti (L-ewwel eccezzjoni fir-risposta taghha ghall-kontro-Talba).</u>**

Ir-risposta intavolata mill-intimat Raymond Borg hija nulla u bla validita` *stante* illi ma tissodisfax ir-rekwiziti rikjesti *ad validitatem* mill-artikolu 158 (3) (c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**C. <u>Nullita' tal-Kontro-Talba mqajma mir-Rikorrenti (It-tieni eccezzjoni fir-risposta taghha ghall-kontro-Talba).</u>**

Il-kontro-talba intavolata mill-konvenut rikonvenjent hija nulla u bla effett *ai termini* ta' l-Artikolu 789 (1) (d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, *stante* illi l-kontro-talba mhijiex konnessa mat-talbiet tal-attrici rikonvenuta hekk kif rikjest fl-Artikolu 396 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta .

Il-qorti ser tindirizzahom fl-ordni premessa.

**<u>Fatti</u>**

Qabel xejn izda, tajjeb li jinghad li l-fatti li jemergu mill-atti li huma ta' rilevanza ghall-ezercizzju tallum huma fil-qosor ir-segwenti. Carmelo Zahra, zewg ir-rikorrenti Antonia Zahra, miet fl-10 ta' Gunju 2014(Dok.A). Xaharejn qabel jirrizulta li ddispona minn gidu permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Carmel Martinelli tat-3 ta' Mejju 2014 (Dok.D) fejn istitwixxa b'eredi universali ta' gidu kollu lill-intimat Raymond Borg. L-attrici, li hija l-armla tieghu, ipprezentat il-kawza odjerna ghar-rexxissjoni tal-imsemmi testment.

## A. In-Nullita' eccepita tar-Rikors Guramentat

L-intimat eccepixxa hekk: "*1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti jigi eccepit illi r-rikors guramentat odjern huwa insostenibbli stante li premessi u t-talbiet kontenuti fih huma konfliggenti u kontradittorji u jhaltu flimkien zewg azzjonijiet totalment distinti u separati, fis-sens illi l-attrici qieghda tezercita bl-istess azzjoni kemm l-azzjoni ghan-nullita` ta' testament (liema azzjoni tippresupponi testment guridikament ezistenti izda li jrid jigi annullat a bazi ta' allegazzjoni li fih nieqes xi element rikjest mil-ligi ghall-ezistenza tieghu) pero` fl-istess hin qed tezercita l-azzjoni (anke jekk bhala talba sussidjara) sabiex tinghata l-legittima liema azzjoni tippresupponi testament validu u li fih l-elementi essenzjali rikjesti mil-ligi ghall-ezistenza tieghu.*"

Illi l-qorti ma taqbilx ma din it-tezi. Minn ezami tat-talbiet kif ukoll tal-mod kif ir-rikors guramentat huwa fformulat, ma jirrizultax li hemm xi konfliggenza bejn l-istess premessi u talbiet. L-attrici qed tallega li t-testment ghandu jigi annullat in kwantu l-volonta' tat-testatur kienet karpita bl-ingann. Konsegwentement qed titlob li tigi rikonxxuta bhala l-eredi tieghu *ab intestato.*

Huwa minnu li l-attrici rriservat id-dritt taghha ghas-sehem rizervat imma biss f'kaz li l-azzjoni taghha ma tirnexxix. B'dan ma rrendietx it-talbiet taghha konfliggenti u ma hemm xejn irregolari f'din ir-rizerva. Il-Qorti mhix qed tigi mitluba tillikwida s-sehem rizervat b'din il-kawza imma r-

riserva hija semplicement dikjarazzjoni kawtelatorja da parti tal-attrici.

Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi michuda.

## B. Nullita' tar-risposta Guramentata

L-attrici eccepiet hekk *: "1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ssusegwenti jigi eccepit illi r-risposta intavolata mill-intimat Raymond Borg hija nulla u bla validita` stante illi ma tissodisfax ir-rekwiziti rikjesti ad validitatem mill-artikolu 158 (3) (c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Fit-trattazzjoni orali l-abbli difensur tar-rikorrenti ssottometta li meta wiehed qed jaghmel analizi tar-risposta intavolata mill-konvenut Raymond Borg minn imkien ma jirrizulta li l-konvenut iddikjara liema fatti hu jaf bihom personalment.

Illi l-artiklu **158 (3) tal-Kap.12** jiddisponi hekk:

"*Jekk dan ma jkunx il-kaz ghandu jipprezenta risposta guramentata li jkun fiha:*

*(a) dawk l-eccezzjonijiet li jitqiesu rinunzjati jekk ma jingiebux fil-bidu tad-difiza;*

*(b) stqarrija cara u korretta tal-eccezzjonijiet fuq il-mertu tat-talba jew tat-talbiet minghajr riferenza ghal awtoritajiet;*

*(c) il-konvenut, jew wiehed mill-konvenuti jekk ikun hemm aktar minn wiehed, ghandu wkoll jiddikjara bil-gurament fir-risposta guramentata b'paragrafi numerati, il-fatti kollha dwar it-talba, fejn jichad, jammetti jew jispjega c-cirkostanzi tal-fatti murija fid-dikjarazzjoni tal-attur, filwaqt li jiddikjara liema fatti huwa jaf bihom personalment."*

Dan l-ahhar rekwizit huwa nieqes mir-Risposta Guramentata u l-istess attrici qed tkampa fuqha.

Dan l-artiklu ghandu jinqara flimkien mal-**artiklu 789(1) tal-Kap.12** fejn il-legislatur jitkellem car dwar meta att gudizzjarju jista' jigi dikjarat null.

*Ai termini* ta' dan l-artiklu :

*(1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata:*

*(a) jekk in-nullità hija ddikjarata mil-ligi espressament;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

*(2) L-eccezzjoni ta' nullità ta' att, taht il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghat taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità".*

Illi fejn ikun hemm eccezzjonijiet ta' nullita` bhal dawk li gew sollevati fil-kawza odjerna, wiehed ghandu jezamina jekk verament dawn l-eccezzjonijiet fis-sustanza taghhom iwasslux ghan-nullita` *o meno*. Fil-fatt, l-emendi li saru fil-**Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** fl-1995 kienu intizi, *inter alia,* proprju sabiex jigu evitati dawn it-tip ta' eccezzjonijiet.

Il-kaz odjern jaqa' fil-parametri tas-subinciz (d) succitat u ghalhekk japplika il-*proviso* ghall-artikolu 789(1).

Illi bil-*proviso* imsemmi, l-legislatur qed jaghmel riferenza ghall-artikolu 175 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. **L-Art. 175(1) tal-Kap.12** jaqra hekk: –

"*Il-qorti* ***tista`****, f`kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta` wahda mill-partijiet, wara li tisma` meta jehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta` xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta` wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor*

*floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta` fatt jew ta` dritt ukoll permezz ta` nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza."*

Illi fl-ewwel lok jinghad li llum hija gurisprudenza stabbilita' li l-Qorti kemm jista' jkun, ghall-pratticita` u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi.

Illi skont is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Michael Attard nomine vs Raymond Galea"** deciza fit-12 ta' Mejju, 1998 intqal illi *"bhala regola, skont il-gurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati biex issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz" u "kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorozita' procedurali, u il-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza"* (**"Aquilina vs Cassar"** – Vol. LXXVI.iv.666).

Illi l-emendi li saru fil-ligi bl-**Att XXIV tal-1995**, huma mmirati proprju ghalhekk, ghaliex huwa bl-istess tibdil ovvju li l-interess tal-gustizzja fil-kaz in partikolari jigi moqdi generalment biss b'decizjoni fuq il-punt sostantattiv tal-kawza, u dak huwa dak li fil-verita' l-partijiet ikunu qed ifittxu. Ir-regoli tal-procedura jezistu biex jipprovdu l-ahjar triq sabiex id-dritt sostantattiv ikun jista' jingieb bl-ahjar u

bl-izjed mod spedjattiv ghall-konferma tieghu, u dan *entro* l-limiti tal-ligi, u sabiex l-istess dritt ma jkunx jista' jigi abbuzat.

Illi ghalhekk l-ebda principju ta' gustizzja ma ghandu jhalli id-dritt procedurali jiehu s-sopravent fuq id-dritt sostantattiv, b'mod li l-formalizmu bil-mod estrem tieghu jiddetta l-effettiva ezekuzzjoni u implimentazzjoni tal-gustizzja skont il-ligi (*vide* **"Anthony Abdilla et vs Emanuel Deguara et"** deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 1999 (P.A. (RCP) Cit. Nru. 1998/97).

Illi hawn issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Dottor Henry Vassallo vs Onor. Prim Ministru et"** (P.A.Kost. (JRM) 9 ta' Ottubru 1991. Rikors Numru 6/01/JRM) fejn inghad:

*"Illi kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna, id-distinzjoni bejn nullita' mtella' taht il-paragrafu (c) u dik taht il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li f'tat-tieni, l-att gudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali mehtiega mil-ligi, u mhux "semplici" ksur ta' forma preskritta (**"Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri"** – P.A. (C.S) 4 ta' Novembru 1988)".*

**Ikkonsidrat** li fil-kaz odjern ir-rikorrenti qed tirreferi ghall-<u>mankanza in assoluta tad-dikjarazzjoni tal-fatti</u> li hija formalita' essenzjali rikjesta mill-legislatur taghna bl-artikolu **158(3) (c) tal-Kap.12.**

Illi l-Qorti hija konxja tal-principji abbraccjati mill-Qrati taghna kif fuq enuncjati immirati lejn it-temperament tar-

rigorozita' fil-formalizmu u lejn gustizzja sostantattiva. Madanakollu din il-Qorti hi tal-fehma li l-legislatur taghna, u anke l-Qrati taghna, dejjem ghamlu distinzjoni bejn l-irritwalita' ossia irregolarita' ta' forma, u n-nullita' tal-att u fil-kaz tal-ahhar, dwar jekk dan jistax jigi sanat fil-limiti tal-procedura.

Harsa lejn gurisprudenza li ttrattat kazijiet simili (ghalkemm mhux identici) tista' sservi biex tixhet aktar dawl fuq il-kaz odjern.

Fil-kaz fl-ismijiet **Antonio Polidano v Maria Rosaria Gauci *et.* (**Qorti tal-Appell - per On.Imh.Sir Anthony Mamo C.J., - 15 ta' Frar 1963) gie deciz li l-mankanza tad-dikjarazzjoni tal-fatti man-nota tal-eccezzjonijiet iwassal sabiex il-konvenut jitqies kontumaci sakemm ma jissoddisfax lill-Qorti li kellu raguni biex jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Kaz simili kien ikkonsidrat minn din il-Qorti kif ippresjeduta mill-On.Imh. J.Caruana Colombo fis-26 ta' April 1951 fl-ismijiet **Antonia Mizzi v Stanley Chapman et.** F'dak il-kaz il-konvenuti pprezentaw nota tal-eccezzjonijiet flimkien ma' dikjarazzjoni tal-fatti. F'dak il-kaz il-mankanza kienet tikkonsisti mhux fil-mankanza ta' dikjarazzjoni *per se* imma filli l-konvenuti ma gabux il-fatti li fuqhom kienu qed jibbazaw l-oppozizzjoni taghhom. Il-Qorti hemm ikkonsidrat li l-ligi hija cara meta tirrikjedi li "*d-dikjarazzjoni migjuba man-nota tal-eccezzjonijiet ikun fiha migjubin cari u haga b'haga l-fatti li fuqhom issir il-bazi ghall-opposizzjoni tat-talba."* Il-Qorti kkonsidrat li l-iskop ghall-imposizzjoni ta' dan il-kwezit bl-ammendi tas-snin 1934 u 1935 kien sabiex

il-Qorti jkollha quddiemha, qabel it-trattazzjoni tal-kawza, il-kwistjonijiet kollha, kemm min-naha tal-attur, kif ukoll min-naha tal-konvenut, sabiex il-kawza tista' tigi trattata u deciza. (***Vide* Kollezz XXIX.I.511** ccitat mill-Qorti**).** Il-Qorti kkonsidrat li jekk id-dikjarazzjoni tkun nulla, allura anke n-nota tal-eccezzjonijiet titqies li hija nulla, peress li huma haga wahda, bil-konsegwenza li l-konvenuti jaqghu fil-kontumacja.

Madanakollu l-Qorti kkonkludiet li f'dak il-kaz il-konvenuti pprezentaw dikjarazzjoni tal-fatti u l-fatt li ma uniformawx ruhhom ghal kollox mad-dettam tal-ligi twassal ghal irregolarita' sanabbli izda mhux ghan-nullita'.

Illi minn ezami akkurata tar-Risposta Guramentata, din il-qorti hi tal-fehma li ma tistax tikkonkludi li dana l-att huwa assolutament priv minn kull riferenza ghall-fatti tal-kaz. Fit-tieni eccezzjoni tieghu, l-intimat effettivament jaghmel riferenza ghall-fatti in mertu u jsostni l-kapacita mentali tat-testatur "*kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni."* Inoltre isostni l-validita' tat-testment.

Il-Qorti ghalhekk tikkonsidra li ghalkemm ir-risposta guramentata mhix ezattament kif trid il-Ligi, ma jistax jinghad li hija ghal kollox monka u konsegwentement tista' tigi evitata s-sanzjoni drakonjana ta' nullita.

Il-Qorti tqis li r-risposta guramentata hija sanabbli fis-sens propost fl-artikolu 175 tal-Kap.12 permezz ta' dikjarazzjoni aktar dettaljata f' nota separata.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tichad l-ewwel eccezzjoni tar-

rikorrenti rikonvenzjonata.

**C. Nullita' tal-Kontro-Talba (It-tieni eccezzjoni fir-risposta taghha ghall-kontro-Talba).**

L-attrici eccepiet li:-

*"2. preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghall-eccezzjonijiet sussegwenti jigi eccepit illi l-kontro-talba intavolata mill-konvenut rikonvenjent hija nulla u bla effett ai termini ta' l-Artikolu 789 (1) (d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi l-kontro-talba mhijiex konnessa mat-talbiet tal-attrici rikonvenuta hekk kif rikjest fl-Artikolu 396 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant kellha ssir talba ad hoc jew kawza ad hoc u mhux kontro-talba."*

Ikkonsidrat li permezz tar-rikors promotur, l-attrici qed timpunja t-testment maghmul minn zewgha abbazi ta' qerq (ingann). Il-*causa petendi*, ossia r-raguni guridika ghaliex qed issir it-talba, hija l-vizzju tal-kunsens filwaqt li l-oggett tat-talba, il-*petitum,* huwa l-annullament tal-istess testment.

Il-konvenut qieghed jitlob permezz tal-kontro-talba, li tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn it-testatur u l-attrici u tigi ordnata l-qasma bejn il-kontendenti. Il-fundamentum agendi tieghu huwa l-kwalita' tieghu ta' eredi abbazi tal-ahhar testment tad-decujus. Il-*petitum* tikkonsisti f'talba ghad-divizjoni previa l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn l-attrici u d-defunt zewgha. Ovvjament it-talba rikonvenzjonali tippresupponi testment validu.

Ikkonsidrat li l-istitut tar-Rikonvenzjoni hija regolata bl-**Art. 396 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.** L-element essenzjali ta' din il-procedura hija il-konnessjoni li trid tirrizulta bejn it-talba u l-kontro-talba (*continentia causarum).* L-iskop tal-procedura imsemmija hija l-unifikazzjoni ta' zewg kawzi awtonomi u distinti li altrimenti ikunu jistghu jinstemghu kontestwalment u jwasslu ghal zewg sentenzi separati minnflok sentenza unika.

Skont l-**Artikolu 396(a) tal-Kap Tnax tal-Ligijiet ta' Malta,** kontro-talba tista' ssir:-

*"Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*

*(a) Meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja it-talba tal-attur;"*

*(b) "Meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew b' kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha."*

L-eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju hija proponibbli biss jekk jinkonkorru r-rekwiziti stabbiliti fl-**artikolu 789 tal-Kap.12** u l-Qorti tifhem li r-rikorrent qed jinvoka l**-Artikolu 789(1)(d)** .

Huwa pacifiku li ghalkemm il-legislatur ma llimitax it-talbiet li jistghu jitressqu permezz ta' talba rikonvenzjonali, dawn ghandhom ikunu konnessi mat-talba principali u l-iskop tal-

istess huwa mhux biss li tigi eliminata l-obligazzjoni attrici, jew ikkompensata, izda wkoll li d-domandi attrici jigu b'kull mod, jekk mhux estinti, anke newtralizzati.(**Nicholas Ellul et v Mary Cutajar et -** PA FGC - 15 ta' Mejju 1998).[1]

*"Vi e` communanza di origine quando le due domande emanano dallo stesso fatto o dallo stesso contratto o titolo."* (Ara ad. ez. is-sentenzi fl-ismijiet "**Paul u Agnes konjugi Bezzina vs Eagle Beams Limited et**" (Citaz. Numru 881/97/RCP) deciza fl-4 ta' Dicembru 1998, u "**Dr. Vincent Falzon nomine vs Raymond u Salvina Mifsud**" (Citaz. Nru. 2302/97/RCP).

Dawn il-principji gew elaborati minn din il-qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **Air Malta p.l.c. v Lawrence Borg ghan-nom ta' South Rays Holidays Limited** (PA)(JRM) - dec. fit-30 ta' Gunju 2004)**.** Il-Qorti irriteniet hekk:-

**"***Huwa stabbilit li b'"fatt" wiehed jifhem dik il-gabra ta' operazzjonijiet jew negozji li nisslet ir-rabta guridika[2]. ...Il-Qorti hija tal-fehma meqjusa li "fatt" ma jista' jkun qatt xi haga li tnisslet u sehhet wara u b'konsegwenza tal-fatt li nbdew proceduri fil-Qorti biex jigi determinat guridikament jekk xi wahda mill-partijiet kinitx kisret il-ftehim - jig, l-veru "fatt";*

[1] Ara wkoll. **Carmel Farrugia v Alexandra Farrugia –** PA(RCP) - 6 ta' Marzu 2003

[2] Ara Digesto Italiano (Vol. IX) Voce "*Fatto*" pag. 548-9 u App. Kumm. **6.2.1985** fil-kawza fl-ismijiet ***Maria Grazia Fava vs Salvino Farru****gia* (mhix pubblikata). Bran iccitat ukoll mill-On.Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet **Paul Gambin v Frank Gambin pro et noe -**dec.fis-27 ta' Marzu 1996.

Fil-kaz odjern, ma jistax jinghad li hemm dik il-komunanza bejn it-talba u l-kontro-talba li jrid il-legislatur. Il-fatt li jaghti lok ghall-kawza attrici huwa l-ingann, mentri l-fatt li jaghti lok ghall-kontro-talba huwa l-kwalita tieghu ta' eredi. Taht certu ottika iz-zewg talbiet huma relatati fis-sens li dak mitlub bil-kontro-talba jrid jistenna l-ezitu finali tat-talba attrici. F'kaz li t-testment jigi annullat, allura l-konvenut ma jkunx jista' jkompli bil-pretensjonijiet tieghu.

Il-*petitum* fiz-zewg talbiet huwa wkoll distint in kwantu li l-attrici qed titlob l-annullament tat-testment filwaqt il-konvenut rikonvenzjonant qed jitlob id-divizjoni tal-assi. Dan iwassal ghall-punti li anke l-iskop tal-provi fiz-zewg kawzi huma differenti .

Illi fid-dawl tal-premess, il-qorti tqies li t-tieni eccezzjoni sollevata mill-attrici fir-risposta rikonvenzjonali taghha ghandha tigi milqugha in kwantu li hija legalment sostenibbli.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li **tichad** l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat, u **Tichad** l-ewwel eccezzjoni tar-Rikorrenti rikonvenzjonata, **Tilqa'** it-tieni eccezzjoni tal-istess rikorrenti u tiddikjara li t-Talba rikonvenzjonali tal-intimat huwa null u bla effett.

**Tordna** lill-intimat sabiex fi zmien ghaxart (10) ijiem millum jipprezenta nota mahlufa fejn jiddikjara b'paragrafi

numerati, il-fatti kollha dwar it-talba, fejn jichad, jammetti jew jispjega c-cirkostanzi tal-fatti murija fid-dikjarazzjoni tal-attrici, filwaqt li jiddikjara liema fatti huwa jaf bihom personalment.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta’ Settembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta’ Settembru 2015**